MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 148/2013

Josephine Camilleri

Vs

Jesmond Quirolo

Permezz ta' rikors prezentat fl-14 ta' Frar 2013 ir-rikorrent talab li l-qorti:-

i. thassar is-sentenza li nghatat minn din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru 2012 fil-kawza **Josephine Camilleri vs Jesmond Quirolo** (792/2012).
ii. tordna r-ritrattazzjoni tal-imsemmija kawza.

L-ilment tar-rikorrent huwa li ma kienx giet notifikat bl-atti tal-kawza ghaliex kien imsiefer minn Malta. Fil-fatt fir-

rikors promotur iddikjara li: *"[….] wara Marzu ta' l-2012 huwa ma baqax jirrisjedi hawn Malta."*.

L-intimata wiegbet li:-

1. Ghandha l-pussess tal-fond wara li gie ezegwit mandat ta' zgumbrament numru 57/2013 fl-ismijiet **Josephine Camilleri vs Jesmond Quirolo**. Ghalhekk peress li l-att spoljattiv gie rimedjat m'hemmx lok ghat-thassir tas-sentenza tat-12 ta' Dicembru 2012 u ritrattazzjoni.
2. M'huwiex minnu li r-ritrattand ma baqax ighix Malta wara Marzu 2012. Tant hu hekk li fit-13 ta' April 2012 il-kontendenti kienu ghadhom ighixu flimkien, u kien dak iz-zmien li r-rikorrent iddecieda li jittermina r-relazzjoni. Wara l-intimata rat lir-rikorrent diversi drabi f'Malta. Bizzejjed jinghad li kien fid-19 ta' Lulju 2012 li gie kommess l-ispoll li huwa l-meritu tal-kawza 792/2012, fejn sahansitra r-rikorrent mar u tkellem mal-pulizija fl-Ghassa. Fil-perjodu li kienu pendenti l-proceduri r-rikorrent kien ghadu residenti Malta.
3. Ir-rikorrent gie notifikat skond il-ligi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

B'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni jinghad li 'l fatt li s-sentenza li nghatat fit-12 ta' Dicembru 2012 giet ezegwita, m'ghandha l-ebda konsegwenza ghal dawn il-proceduri.

Skond l-Artikolu 811(b) fejn parti telliefa ma tkunx giet notifikata bir-rikors guramentat tista' titlob li ssir ritrattazzjoni. Ghalkemm ir-rikorrent inghata l-opportunita' li jressaq il-provi tieghu, naqas milli jaghmel hekk[1]. Ghalhekk m'hemmx prova tal-allegazzjoni li:

*"[….] L-esponent ma seta' qatt gie debitament notifikat jekk fiz-zmien li giet inizjata l-kawza, sa meta nghatat sentenza ma kienx jirrisjedi f'dawn il-Gzejjer."*.

Sahansitra r-rikorrent ma pprezentax nota bit-taghrif mitlub fid-digriet tat-22 ta' Frar 2013 u affidavit tieghu (ara

[1] Ara verbali tas-seduta tal-5 ta' Gunju 2013 u tal-lum.

digriet tat-22 ta’ Mejju 2013). Atteggjament li juri nuqqas ta’ interess min-naha tieghu. Parti f’kawza, irrispettivament tal-pajjiz fejn tkun qeghda tghix, ghandha d-dmir li ssegwi b’diligenza l-*iter* kollu tal-process, mill-bidu sat-tmiem tieghu. Min jipprezenta kawza ma jistax jippretendi li l-qorti toqghod tistenna sakemm ikun komdu jressaq il-provi tieghu.

Fir-rikors promotur ir-rikorrent ilmenta wkoll li fil-kawza 792/2012 ma giex osservat dak li jipprovdi l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12. Fis-sentenza **Josephine Camilleri vs Jesmond Quirolo** (Rikors 792/2012) deciza fit-12 ta’ Dicembru 2012 jinghad:-

*“Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jipprezenta risposta u li jattendi ghas-seduta relattiva u ghalhekk huwa kontumaci skond il-ligi.”*.

Pero’ r-rikorrent naqqas milli jiddikjara fhix jikkonsisti n-nuqqas fl-atti tal-kawza numru 792/2012, b’riferenza ghall-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12. Hu llimita ruhu biex jippremetti li *“[…] ma gewx aderiti id-dispost ta’ l-artiklu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.”*. Il-qorti m’hijiex behsiebha li *ex officio* toqghod tipprova tfittex hi ghal xi nuqqas fin-notifika li saret fil-kawza fuq imsemmija. Id-dmir kien tar-rikorrent li jiddikjara b’mod car ghal x’hiex qieghed jalludi. Il-qorti tillimita ruhha biex tghid li mill-atti tal-kawza **Camilleri vs Quirolo** (792/2012) hu evidenti li n-notifika tar-rikorrent saret fit-termini tad-digriet tat-12 ta’ Settembru 2012 li nghata b’riferenza ghar-rikors li kienet ipprezentat Josephine Camilleri fil-11 ta’ Settembru 2012.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi r-rikors billi:-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimata bl-ispejjez kontra taghha.**
**2. Tichad it-talba tar-rikorrent Jesmond Quirolo sabiex thassar is-sentenza li nghatat fil-kawza Josephine Camilleri vs Jesmond Quirolo (792/2012) u biex tordna ritrattazzjoni.**

**Spejjez kontra l-istess rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------